MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Numru. 1183/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Fabian Fleri**
**vs**
**Joseph Azzopardi**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Azzopardi, iben Francis u Doris nee' Aquilina, mwieled Birgu nhar is-17 ta' Gunju 1970, u residenti 7B, Triq Dwardu, Bormla jew 5, Wisbech, Triq A. Darcel, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita' numru 267970(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fil-25 ta' Ottubru 2009, ghall-habta tad-9:00hrs gewwa Triq Sant' Anna, Marsascala ikkommetta serq ta' diversi affarijiet li l-valur taghhom jeccedi il-232.94Euro (LM 100) izda ma jeccedix il-2329.4 Euro (LM 1000) ghad-dannu ta' Francis u Carmela Dingli, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta' Novembru, 2009 (esebit *a folio* 6 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-14 ta' Jannar, 2010 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw l-allegat serq ta' diversi oggetti konsistenti f'nail gun, driller, barbecue set u baskett kontenenti diving suit u xi diving gear li allegatament insterqu fil-25 ta' Ottubru 2009 ghall-habta tad-9.00am minn Triq Sant'Anna, Marsascala. Mill-provi rrizulta li Francis Dingli kien qed jahsel u jihuverja l-vetturi tieghu u ta' missieru li kienu parkeggjati fl-imsemmija triq. Huwa kien hareg diversi oggetti mill-boot ta' wara tal-vettura ta' missieru kif ukoll it-twapet tal-vetturi sabiex ikun jista' jaghmel dan ix-xoghol ta tindif u pogga l-affarijiet li kien hareg taht il-bankina ezatt wara l-vettura ta' missieru. Meta xehed f'dawn il-proceduri[1] Francis Dingli spjega li meta lesta mill-vettura ta' missieru huwa beda' jihuverja l-vettura tieghu liema vettura kienet parkeggjata ftit metri aktar 'il quddiem mill-vettura ta' missieru meta sema' lil ommu tghajjatlu minn fuq il-bejt u tghidlu li xi hadd kien ha l-affarijiet li kien halla taht il-bankina. Carmen Dingli, omm Francis Dingli, li xehdet f'dawn il-proceduri in ezami waqt l-udjenza tas-7 ta' Mejju 2010 u in kontro-ezami waqt l-udjenza tat-18 ta' Novembru 2010 qalet li hija kienet qed tonxor fuq il-bejt meta inzertat ittawlet fit-triq u rat vann

---

[1] In ezami huwa xehed waqt l-udjenzata tat-30 ta' Settembru 2010 u in kontro-ezami huwa xehed waqt l-udjenza tat-18 ta' Novembru 2010.

jaqla' bil-moghod minn wara l-vettura ta' zewgha u nnutat li l-affarijiet li binha kien qieghed taht il-bankina kienu neqsin. Hija ghalhekk hadet in-numru tar-registrazzjoni tal-vann u cemplet lil zewgha wara li l-familja Dingli ghamlet rapport dwar l-oggetti li ttiehdu fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar[2] fejn gie ndikat in-numru tar-registrazzjoni tal-vann li kienet lemhet Carmen Dingli. Minn verifiki li ghamlet il-Pulizija rrizulta li l-vann kien regsitrat f'isem certu Rachel Schooling min-Naxxar u meta l-Pulizija marru fir-residenza ta' din tal-ahhar fethilhom il-bieb l-imputat fil-kawza odjerna u meta l-Pulizija indikawlu r-raguni il-ghala huma riedu jkellmu lil Schooling huwa mal-ewwel indikalhom li l-oggetti li kienu qed isemmu kien gabarhom hu ftit tal-hin qabel minn Marsascala waqt li kien ghaddej fl-imsemmija lokalita' fil-vann misjuq minn Schooling li kienet il-partner tieghu ghaliex haseb li dawn kienu oggetti abbandunati. L-imputat mal-ewwel ghadda l-barbecue set, id-driller u l-nail gun lil Pulizija u qalilhom li dawk kienu l-unici oggetti minnu migbura u cahad li kien gabar xi diving suit jew flippers.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat meta rrilaxxja l-istqarrija inserita a fol. 18 u 19 tal-atti processwali kif ukoll meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-20 ta' Jannar 2011 irribadixxa dak li kien qal lil Puliizja a tempo vergine meta huma marru jhabbtu l-bieb tad-dar tieghu u cioe' li huwa waqaf jigbor l-affarijiet li haseb li kienu abbandunati jew mormija u peress li huwa kien jaghmel xoghol ta' handyman qal lil Schooing sabiex terga' ddur bil-vann halli huwa jinzel u jigbor l-affarijiet. L-imputat qal li huwa kien ra lil guvni, li meta xehed f'dawn il-proceduri gharfu bhala Francis Dingli, qed jahsel il-vettura ftit metri 'l boghod minn fejn huwa gabar l-affarijiet u qal li anki dan il-guvni kien rah u fl-ebda hin ma ndikalu li l-oggetti li kien qed jiehu kienu jappartjenu lilu u ma kienux abbandunati. F'dawn il-proceduri xehdet Rachel Schooling[3] fejn hija kkonfermat il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat.

[2] Rapport relattiv inserit a fol. 20 sa 24 tal-atti processwali.
[3] Waqt l-udjenza tal-25 ta' Gunju 2010.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz jidrilha li jezisti dubju ragjonevoli li l-imputat effettivament ha l-oggetti li aktar tard instabu fil-pussess tieghu mill-Pulizija ghaliex haseb li dawn l-oggetti kienu abbandunati. Dan id-dubju jezisti ghal diversi ragunijiet li huma s-segwenti:-

1. Mill-provi rrizulta li l-oggetti in dizamina kienu mitluqin taht il-bankina.
2. Irrizulta wkoll li dawn gew migbura ghall-habta tad-9.00am fi triq pasagjuza.
3. Irrizulta inoltre li t-tifel tal-propjetarju ta' dawn l-oggetti kien qieghed biss ftit tal-metri 'l boghod minn fejn l-imputat ha l-oggetTi li huwa haseb li kienu abbandunati.

Dawn il-fatturi kollha jindikaw li fil-mument li l-imputat waqaf sabiex jiehu dawn l-oggetti huwa seta' ragonevolment jahseb li dawn kienu abbandunati u li fil-mument li hadhom huwa ma kellu ebda intenzjoni li jisraqhom.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa fil-mument lli gabar l-oggetti in dizamina qatt ma kellu l-intenzjoni li jisraq l-istess oggetti izda biss li jigbor oggetti abbandunati u li haseb li kienu bla valur. Huwa mankanti ghalhekk il-mens rea rikjest mil-ligi sabiex jissussisti r-reat ta' serq aggravat bil-valur li bih l-imputat jinsab akkuzat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------